**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 30 ta' Lulju 2020.**

**<u>Rikors nru: 210/2016 AGV :</u>**

**AB f' isimha propju u bhala kuratrici ad litem ta' uliedha minuri C u D ahwa F u dan permezz tad-digriet datat 29 ta' Settembru 2016.**

**Vs**

**EF**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-attrici datat 26 ta' Settembru 2016, fejn ppermettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi minn relazzjoni bejn il-parijiet twieldu zewgt itfal – CF nhar l- 20 ta' Frar 2007 u ghalhekk illum ghandha disa' snin u DF , li twieled fil- 5 ta' Ottubru 2008 u ghalhekk illum ghandu seba' snin( Dok A u B);

2. Illi wara relazzjoni turbata bejn il-partijiet fejn il-konvenut EF kien jaghmel minn kollox sabiex jezercita kontroll assolut, fuq l-attrici, kompriz il-finanzi tal-koppja, minhabba id-diversi theddid u swat fil-konfront tal-attrici ( dak iz-zmien AG) fl-ahhar ta' Lulju 2015, l-attrici telqet mid-dar fejn kienu jirrisjedu ( fid-dar tal-genituri tal-konvenut- minkejja li dan l-istess kellu u ghad ghandu daru), flimkien ma' uliedha, u l-koppja ilhom ma jghixu flimkien minn dak iz-zmien;

3. Illi l-attrici hija mizzewwga illum lil HB u hija u l-ulied minuri jghixu mal-imsemmi zewgha;

4. Illi wara xi tentattivi bejn il-partijiet bl-iskop li jintlahaq ftehim bonarju li jirregola is-setghat u l-obbligi taghhom bhala genituri versu uliedhom u wara li l-konvenut kien gie interpellat sabiex verament jintlahaq ftehim li jirregola tali setghat u obbligi taghhom bhala genituri versu uliedhom, infethu l-proceduri ta' medjazzjoni;

5. Illi permezz ta' digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti tal- 24 ta' Mejju 2016, gie ordnat *inter alia* li pendente lite, l-kura u kustodja taz-zewg minuri tal-partijiet tkun kongunta f' idejn iz-zewg genituri, fil-waqt li gie akkordat access tal-minuri favur il-missier fi granet u hinijiet specifici, filwaqt li ordnat ukoll li titkompla l-medjazzjoni;

6. Illi permezz tad-digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti, tat- 28 ta' Lulju 2016, fil-waqt inter alia, il-konvenut missier gie ordnat ihallas lil omm kull erba' gimghat bhala manteniment, pendente lite ghaz-zewg minuri imsemmija,

is-somma ta' tlett mija u hamsin Ewro, li jizdied annwalment skont l-indici tal-gholi tal-hajja, l-istess Qorti ddikjarat li il-medjazzjoni maghluqa u awtorizzat lill-partijiet, sabiex jipprocedu b' kawza.

7. Illi z-zewg ulied minuri C u D ahwa F - ulied il-partijiet, dejjem trabbew mal-attrici ommhom u huhom IG ( iben l-istess attrici, izda minn missier differenti), liema tifel illum ghandu hmistax-il sena, u liema minuri, l-imsemmi EF qatt ma kellu relazzjoni tajba mieghu, anzi pjuttost dejjem wera' kefrija versu it-tali minuri, u stmah ta' barrani assolut u zejjed ghal familja; effettivament it-tfal dejjem trabbew unikament mill-attrici minghajr l-ebda turija ta' interess veru mill-konvenut; anzi in kwantu ghall-minuri binthom C, il-konvenut sahnasitra mhux l-ewwel darba li qal li tali tifla ma jistmaghhiex, u effetivament il-konvenut regolarment jaghzel li jara u jiltaqa' biss mat-tifel minuri D, fil-waqt li jhalli lil bintu C ghand ommha - l-attrici;

8. Illi minkejja li EF ilu snin li ghandu propjeta' tieghu, liema propjeta' anka inbniet b' kontribuzzjoniniet finanzjari da parti tal-attrici, tul is-snin li l-partijiet kienu jghixu flimkien, dan ghazel u impona li huma jghixu ghand il-genituri tieghu, u effetivament il-konvenut sallum ghadu jirrisjedi mal-genituri tieghu, fir-residenza taghhom;

9. Illi l-genituri tal-konvenut ma ghandhomx relazzjoni tajba mal-attrici, u effettivament kemm il-konvenut, kif ukoll il-genituri tieghu ghadhom sal-lum regolarment jitkellmu quddiem it-tfal minuri imsemmija, b' mod dispreggjattiv dwar l-attrici- omm il-minuri, dwar zewgha;

10. Illi l-konvenut regalorment juza' l-access tal-minuri lilu akkordat mhux sabiex tinbena r-relazzjoni bejn il-genituri u l-ulied, u sabiex jiehdu hsieb l-interess massimu ta' ulied minuri, izda juza' tali access b' pika, u b'

opportunita’ li jbezza’ lil uliedu minuri u jiddisprezza lil ommhom u lil huhom l-iehor, u dan b’ detriment u bi pregudizzju tal-interessi tal-istess minuri;

11. Illi kull darba li l-attrici kellha bzonn lill-konvenut sabiex dana ikun involut u jippartecipa fid-decizjonijiet li jolqtu t-trobbija ta’ uliedhom minuri, huwa jew igibha bi kbira hafna jew sahansitra jirrifjuta li jigi involut u jirrifjuta li jiehu decizjoni, u dan b’ detriment u bi pregudizzju tal-interess tal-istess minuri;

12. Illi mill-ahhar ta’ Lulju 2015, sal-lum, meta l-imsemmija minuri baqghu unikament jirrisjedu mal-attrici, il-konvenut hallas versu l-bzonnijiet finanzjarji tal-istess minuri elf u disa’ mitt Ewro, konsistenti fi tlett mija u sebghin Ewro, li huwa hallas f’ Dicembru 2015, mitejn u tmenin Ewro li hallas f’ Gunju 2016 (li ssostiwixxa pagament ekwivalenti maghmul b’ cekk ta’ Mejju 2016 - liema cekk ma kienx gie onorat), mitejn u tmenin Ewro li huwa hallas f’ Gunju 2016, mitejn u tmenin Ewro li hallas f’ Lulju 2016; tlett mija u hamsin Ewro li hallas f’ Awwissu 2016, u tlett mija u hamsin Ewro li huwa hallas f’ Settembru 2016.

**<u>RAGUNI TAT-TALBA;</u>**

1. Peress illi mnn relazzjoni bejn il-partijiet twieldu zewgt ulied, u cioe’ CF u DF , li t-tnejn li huma ghadhom minuri;

2. Peress li r-relazzjoni bejn il-partijiet tkissret b’ mod irrimedjabbli ghall-ahhar ta’ Lulju 2015, l-attrici telqet mid-dar fejn kienu qed jirrisjedu flimkien ma’ uliedha, u l-koppja ilhom ma jghixu flimkien minn dak iz-zmien;

3. Peress li ma ntlahaqx ftehim bejn il-partijiet li jirregola s-setghat u l-obbligi taghhom bhala genituri versu uliedhom, u wara li nfethu l-proceduri ta' medjazzoni u permezz ta' digriet ta' dina l-Onorabbli Qorti, tal- 24 ta' Mejju 2016, gie ordnat inter alia li pendente lite, l-kura u l-kustodja taz-zewg minuri tal-partijiet tkun wahda kongunta f' idejn iz-zewg genituri, filwaqt li gie akkordat access tal-minuri versu l-missier fi granet u hinijiet specifici, u permezz ta' digriet ta' dina Onorabbli Qorti, tat- 28 ta' Lulju 2016, filwaqt li inter alia, il-konvenut missier gie ordnat ihallas lil omm kull erba' gimaghat, bhala manteniment pendente lite ghaz-zewg uliedu minuri, is-somma ta' tlett mija u hamsin Ewro, li jizdied annwalment skont l-indici tal-gholi tal-hajja, l-istess Qorti ddikjarat il-medjazzjoni maghluqa u awtorizzat li l-partijiet, jipprocedu b' kawza.

4. Peress illi wara l-imsemmija digrieti, il-konvenut ma ghamel l-ebda tentattiv sabiex ma jintlahaqx ftehim bonarju bejniethom li jirregola s-setghet u obbligi taghhom bhala genituri versu uliedhom;

5. Peress li z-zewg ulied minuri, dejjem trabbew mill-attrici ommhom, filwaqt li l-konvenut ftit li xejn imur tajjeb mat-tfal; ir-relazzjoni bejn il-partijiet ma hija tajba xejn, tant li mhux l-ewwel darba li kellhom jintervjenu l-Pulizija;

6. Peress illi minflok li l-konvenut jaghzel li jinvolvi ruhu u jippartecipa fid-decizjoni li jolqtu t-trobbija ta' uliedhom minuri, hu jirrifjuta li jigi nvolut u jirrifjuta li jiehdu decizjonijiet li rigwardanti l-istess trobbija ta' uliedu, u dan b' detriment u bi pregudizzju tal-interessi tal-istess minuri;

7. Peress li l-konvenut regolarment minflok juza' l-access tal-minuri lilu akkordat sabiex tinbena' relazzjoni tajba bejn il-genituri u uliedu, u sabiex jiehu hsieb l-interess massimu ta' uliedu, huwa jaghzel li juza' tali access

b’ pika, u b’ opportunita’ li jbezza’ lil uliedu u jiddisprezza lil ommhom, u lil huhom l-iehor, u dan b’ detriment u bi pregudizzju tal-interessi tal-istess minuri;

8. Peress li mill-ahhar ta’ Lulju 2015, sal-lum meta l-imsemmija baqghu unikament jirrisjedu ma’ ommhom, l-attrici, l-konvenut ma ikkontribwixiex finanzjarjament, b’ mod sufficjenti ghat-trobbija adegwat ta’ uliedu minuri, u effettivament kien hemm xhur fejn ma ikkontribwixxa xejn, minkejja li gie mitlub jaghmel dan.

**TALBIET:**

Illi jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti;

1. Tafda l-kura u kustodja legali taz-zewg ulied minuri tal-partijiet C u D ahwa F, f’ idejn l-attrici;

2. Tiffissa retta alimentarja relattivament ghall-manteniment tat-tfal minuri C u D ahwa F, liema manteniment ghandu jikkomprendi inter alia kontribuazzjoni lejn spejjez ghall-akkomodazzjoni ikel, sahha, edukazzjoni kurrikulari u extra kurrikulari, lbies, transport, u spejjez medici u tkun rivedibbli minn zmien ghal zmien tenut kont tal-izvilupp u trobbija tal-istess minuri;

3. Tikkundanna lill-istess konvenut ihallas dik is-somma hekk stabbilita kull erba’ gimghat bhala mantenimnt ghall-istess tfal minuri, C u D ahwa F;

4. Tillikwida dik is-somma dovuta mil-konvenut sabiex tigi kumpensata l-attrici ghal-arretrati ta’ spejjez minhabba inkorsi fit-trobbija tal-istess

minuri C u D ahwa F meta l-konvenut naqas li adegwatament jikkontribwixxi fit-trobbija tal-istess uliedu minuri C u D ahwa F ;

5. Tikkundanna lill-istess konvenut ihallas lill-attrici dik is-somma hekk likwidata mill-Onorabbli Qorti, bhala kumpens ghall-arretrati ta' spejjez inkorsi mill-attrici fit-trobbija tal-istess minuri, minghajr il-kontribuzzjoni adegwata tal-konvenuta fit-trobbija tal-istess uliedu, C u D ahwa F;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, minn issa ingunt in subizzjoni.

**Il-Qorti rat ir-risposta guramentata ta' EF** datat 17 ta' Novembru 2016 fejn espona bir-rispett u kkonferma:-

1. Illi l-esponent ma jaqbilx mal-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet imressqa mir-rikorrenti fir-rikors guramentata taghha liema huma inveritieri u infondati ghal kollox, kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt u dan hekk kif ser jirrizulta fil-mori tal-kawza. L-esponent jirriserva minn issa li jressaq xhieda in sostenn.

   Illi fir-rigward tat-talbiet, l-esponent jissometti is-segwenti:-

   1. Illi l-esponent jopponi ghat-talba tar-rikorrenti li l-kura u kustodja tal-minuri tigi fdata esklussivament lilha. Kif ser jigi ppruvat ampjament fil-mori tal-kawza, ir-rikorrenti tippretendi li l-minuri huma biss taghha u tikkunsidra lill-esponent biss bhala mezz biex takkwista l-flus u fil-fatt hija lanqas biss talbiet li jkun hemm provvediment dwar l-access li l-esponent ghandu jgawdi ghall-ulied. Fl-umli fehma tal-esponent mill-provi ser jirrizulta illi huwa fl-ahjar interess tal-minuri illi l-kura u kustodja tal-ulied ghandha tkun kongunta bejn il-partijiet, bi dritt ta' access ampju, inkluz

sleepovers, illi l-esponent ghandu jkollu ghall-uliedu inkluz provvediment dwar l-gheluq snin ir-rikorrent, gheluq snin il-minuri, festi pubblici, u l-vaganzi tas-Sajf, Ghid , Karnival u l-Milied;

2. Illi l-esponent m’ ghandux diffikulta’ li jmanti lil ulied skont il-mezzi u l-qliegh tieghu, dawk tar-rikorrenti omm u fuq kollox il-bzonnijiet tal-minuri;

3. Illi l-esponent jopponi ghat-tielet u raba’ talbiet tal-attrici dwar kumpens u/ jew arretrati ta’ manteiment u spejjez tal-ulied. Mill-provi ser jirrizulta illi meta l-partijiet kienu ghadhom jghixu taht l-istess saqaf, kien propju l-esponent li kien jaghmel tajjeb ghall-bzonnijiet kollha kemm tal-minuri kif ukoll tal-intimata innifsha; u dan qieghed jinghad anke ghal fatt li meta l-partijiet ma baqghux flimkien, l-intimata sahansitra kellha bejn tmienja u ghaxart elef Ewro f’ savings account;

4. Di piu’ jinghad illi meta l-partijiet temmew ir-relazzjoni taghhom, huma kienu anke ftehmu illi stante l-commitment finanzjarji kbar li kellu l-esponent, inkluz djun u loans mal-banek, huwa kien ghadda lill-attrici vettura ( inizjalment ghadda l-pusess u sussegwentement kien iffirma l-log book) b’ konsegwenza ta’ liema r-rikorrenti setghet liberament tbiegh, sakemm huwa jqum ftit fuq saqajh finanzjarment; liema vettura fil-fatt ghadha sal-lum tinsab ghand l-omm l-istess rikorrenti. L-attrici tant kienet kuntenta b’ tali arrangjament illi kif ser jigi ppruvat hija qatt ma riedet manteniment ghaz-zewg minuri, u fil-fatt illi hija qatt ma bdiet proceduri ta’ medjazzjoni fil-konfront tal-esponenti;

5. Illi finalment, l-esponenti jopponi ukoll ghall-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri odjerni.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra kollha l-attrici li hija minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha esebiti.

Rat id-digriet tal-access ta' dina l-Onorabbli Qorti datat 12 ta' Ottubru, 2017. [1]

**FATTI**

1. L-attrici kienet bdiet relazzjoni mal-konvenut u wara biss xahar kienet harget tqila bit-tifla C. Ghall-bidu kienu marru jghixu mal-genituri tal-konvenut. Tghid li l-konvenut kien iwieghdha li meta jkunu gemmghu bizzejjed flus kienu jixtru l-post taghhom. Sakemm damu ghand il-genituri tal-konvenut kien beda jinqala' l-inkwiet, il-konvenut kien kissrilha l-mobile u s-sim card u ma kienx ihalliha taghmel kuntatt mal-familja taghha. Sahansitra kien jaqtaghlha l-internet.

   Kien f'mument li rnexxielha ssib l-internet miftuh u kienet ikkuntatjat lil huha sabiex tmur lura ghand ommha. Kienet xtrat mobile iehor, b'sim card gdida, izda peress li t-tifla kienet spiccat l-isptar kellha tghaddilu n-numru, bil-konsegwenza li kien il-hin kollu

[1] Ara fol. 117 tal-process.

jcemplilha u jibghatilha l-messaggi. Kienet ghamlet zmien, regghet telqet, izda meta t-tifla ghalqet sitt xhur, kienet regghet telqet mid-dar. Kien imur jaraha bl-iskuza tat-tifla, izda l-intenzjoni kienet biss biex jiehu li jrid u jitlaq ‘l hemm, tant hu hekk li kienet harget tqila bit-tifel. Hawnhekk sabiex izzomm il-kwiet kienet iddecidiet li tmur lura d-dar, izda hajjitha kienet mimlija tghajjir u peress li kellha tifel minghand ragel iehor, kien ighajjarha qahba ukoll.

Lanqas kien jaghti kaz lit-tfal u kien ighidilha li kienu taghha u kellha tkun responsabbli ghalihom hi. Kien hemm drabi fejn kien jidhol id-dar xurban u kien jibda jsabbat u ighid lill-attrici biex titlaq mid-dar u thalli lit-tfal wahedhom.

Bhala post, tghid li huma kienu xtraw l-arja fuq post li kien xtara hu l-konvenut. Kienu bnewh il-konvenut u missieru peress li kien bennej, izda tghid li qatt ma kienu marru jghixu go fih. Kienu thallas mill-qligh li kienet taqla’, kif ukoll mic-childrens allowance. Lill-genituri tal-konvenut, kienet tghaddilhom €100 fil-gimgha. Ghal bidu kienet tghix bir-relief, izda mbaghad kienet tmur tghin lil habiba taghha li hija hairdresser u kienet taqla’ xi €700. Kienet tahdem ukoll fl-istess zmien bhala salesgirl ma’ Peacocks u kellha paga ta’ cirka €300. Fl-ahhar imbaghad kienet bdiet tahdem mal-Melita u kienet ghadha hemm sal-lum. Ghandha paga ta’ cirka €1,200 fix-xahar, Qabel ma telqet kien talabha tigbed €500. Kien xtara vettura ukoll u kien poggiha fuq ismu.

Tistqarr ukoll li qabel ir-relazzjoni mal-konvenut kellha relazzjoni ma’ certu JK u wara li l-konvenut kien insista maghha biex tmur ghand nutar sabiex tiftiehem mieghu dwar hlasijiet, kienet ghamlet

hekk u bi ftehim ma' K tiehu €233 fix-xahar.[2] Kien jehodhom il-konvenut u jiddepositahom fil-kont tieghu jew t'ommu.

Tghid ukoll li l-konvenut kellu iktar grazzja mat-tifel milli mat-tifla u kien jiehu lilu biss. Ghalkemm illum hemm digriet tal-Qorti fejn irid jiehu lit-tifla ukoll.

L-attrici pprezentat kopja tal-FS 3 taghha ghas-snin 2014 u 2015. Kienet tircievi l-beneficcji socjali bejn is-snin 2005 u 2016.[3] Esebit diversi kontijiet bankarji sabiex tindika li kienet tat lill-konvenut is-somma ta' €10,000 sabiex jixtri Citroen C3. Din il-vettura kienet second hand u kienu hallsu €3,400 jew €3,600 ghaliha. Il-bilanc kien zammhom il-konvenut.[4]

L-attrici tkompli tistqarr li l-konvenut kontinwament jimpika maghha u fil-fatt meta riedet tbidlilhom l-iskola, qatalgha qalbha sabiex jiffirma biex tinbidlilhom l-iskola u dan minhabba li kienet marret toqghod Haz-Zabbar.

L-attrici tispjega li r-relazzjoni ta' bejniethom ma kinitx wahda tajba. Il-konvenut kien dejjem ighajjarha u jkassbarha quddiem it-tfal. Lanqas kien ihallilha flus f'idejha, Kienet tghaddi l-flus lil ommu u kienet izzomm rendikont ta' x'tonfoq u ma tonfoqx. Kienet anke tghaddi flus lill-konvenut biex jibnu l-post, izda dan qatt ma tlesta u kien f'isem il-konvenut.

Tispjega li l-konvenut ma tantx kien idum f'impjieg, specjalment jekk ma kienx isib ruhu komdu. Kien ghamel anke xi zmien jahdem ma' missieru fil-bini.

---

[2] Ara Dok.LR.
[3] Ara Doks. SS1.
[4] Ara Dok. CLTR 1, CLTR2 .

Minkejja dan id-dizgwid, l-attrici tikkonferma li baqghet fir-relazzjoni peress li kien jheddidha li jehodilha t-tfal u ma kellhiex fejn tmur u lanqas biex tahrab bit-tfal ma setghet peress li ma kinitx isuq. Madanakollu, l-ambjent fejn kienu jghixu ma kienx wiehed sigur. Kienu joqoghdu f'kamra wahda u t-tfal kienu jorqdu fl-art fuq saqqu. Peress li kellhom nuqqas ta' spazju, lanqas kienet tixtri oggetti ghat-tfal.

Problema ohra kienet il-mod kif il-konvenut kien jittratta lit-tifel taghha li twieled minn relazzjoni ohra. Kien ighajjru.

Kien hemm problemi ta' xorb ukoll, li kien iwassal sabiex ikollu rabja kbira maghhom. Kienu ghamlu zmien fejn kienet tmur torqod ghand ommha u kienet thalli lit-tfal mal-konvenut tul il-gurnata, izda gara li mbaghad il-konvenut ma riedx lit-tifel taghha minn relazzjoni ohra, u ma baqghetx tehodhom.

Minn hawn spicca jheddidha kontinwament u jibghat emails fuq ix-xoghol, tant li kienu ssuggerewlha li tiftah proceduri peress li t-theddid sar fuq is-server tax-xoghol. Dan kien gie segwit b'incident, meta talabha biex tmur tigbru u beda jtiha fuq wiccha. Kien hemm incident iehor fejn kien refa' idejh fuqha, bir-rizultat li kellha l-punti, Ittiehdu proceduri kriminali fil-konfront tieghu.[5]

Bhala manteniment, l-attrici tispjega li l-konvenut qatt ma kien ighaddilha manteniment minn mindu telqet, izda ried li jilhqu ftehim u jhallas €100 bhala ammont shih ghaz-zewgt ulied.

Illum minn mindu telqet it-tfal huma iktar kuntenti u sistemati. Meta jkunu mal-konvenut ihares biss l-interessi tieghu u lanqas igieghel lit-tfal jaghmlu l-homework jew jinhaslu, ihallihom jilaghbu

[5] Ara Doks. JS 1 u JS 2

bejniethom, filwaqt li hu joqghod fuq il-kompjuter, jew fuq il-mobile jew fuq is-sodda. Kien anke jippretendi li t-tifel ma jitlifx il-futbol, anke meta kellu problemi bid-darsa. L-istess meta t-tfal ma jifilhux, jippretendi li jehodhom xorta wahda. Xorta kienu jispiccaw li jieklu ghandha u anke jaghmlu l-homework maghha.

2. Il-konvenut jispjega li ltaqa' mal-attrici permezz ta' live chat. Kienu jqattghu hafna serati jitkellmu online, izda dak iz-zmien, l-attrici kienet f'relazzjoni ma' certu JK. Meta staqsietu sabiex jiltaqghu kien inkwietat, ghax ghalkemm kien interessat hafna fiha, kien jaf li kellha familja, izda kienet qaltlu li kienet imdejjqa ma' K. Imbaghad kienet qaltlu li t-tifel minuri I li kellha ma kienx ta' K, izda kien ta' certu LM.

   K kien beda jissusspetta li l-attrici kellha relazzjoni, meta bdew jiltaqghu erba' darbiet fil-gimgha bil-mohbi tieghu. Il-konvenut ighid li K beda jibghatlu emails fejn kien qed jaghmel ta' bir-ruhu li hu l-attrici. Il-konvenut, fl-ahhar iddecieda li jiltaqa' mieghu u kien ammetta mieghu li kien ihobb lill-attrici, minkejja li skuza ruhu. Jikkonferma li wara dan il-partijiet kienu telqu lil xulxin.

   L-attrici insistiet li ghandhom jibdew ikollhom relazzjoni serja, minkejja li kien jibza' li taghmillu l-istess bhalma ghamlet lil K. Ftit xhur wara li kienu ilhom johorgu flimkien, l-attrici kienet qaltlu li kienet tqila. Peress li l-attrici kienet ilha zmien tiggieled m'ommha l-ewwel minhabba li kienet telqet lil K minhabba fih, u t-tieni nett peress li kienet qed tistenna tarbija minghandu. Kienu ghalhekk marru joqoghodu mal-genituri tieghu.

   Kien hemm zmien fejn l-attrici kienet qaltlu li riedet tmur tghix ghand ommha biex jippruvaw jirrangaw l-affarijiet bejniethom u l-

konvenut ma kienx sab opposizzjoni, izda gara li ftit wara, l-attrici kienet qaltlu li kienet ser tibqa' ghand ommha, ghax ma kinitx aktar thoss ghalih. Kien ipprova jikkonvinciha biex tigi lura, izda kien kollu ghalxejn.

Wara ftit gimghat, l-attrici kienet ikkomunikat mal-konvenut u kienu ppruvaw jirrangaw ir-relazzjonijiet bejniethom. Kien anke mar mal-attrici ghall-pregnancy test, kif ukoll ghall-ultrasound. Wara li twieldet it-tifla C, kien iltaqa' ma' K li kien ikkonferma mieghu li meta l-attrici kienet telqet mid-dar tal-genituri taghha kienet marret tghix ma' K. Meta kkonfrontaha kienet ammettiet li kienet marret tghix mieghu u li kienu intimi, minkejja li kienet qed tistenna tarbija minghand il-konvenut. Kien ghamel DNA test sabiex ikun jaf jekk it-tifla minuri kinitx tieghu u fil-fatt gie kkonfermat li kien il-kaz. Kien hemm zmien meta l-attrici kienet ghal darb'ohra telqet mid-dar taghhom minhabba dizgwid, imma ftit wara regghu rrangaw u kien hawn li l-attrici kienet spiccat tqila bit-tifel minuri D. Kienu baqghu tmien snin flimkien u baqghu jghixu ghand il-genituri taghhom. L-attrici kienet ghamlet sitt snin minnhom ma kinitx tahdem.

Kien incident li sehh bejniethom, meta l-attrici, wara glieda, kienet qabdet sikkina u bdiet taghmel self-harm fuqha stess. Kien ghalhekk li ddecidew li l-ahjar haga ghaliha kienet li tibqa' d-dar. Kienet tghinha omm l-attrici. Anke finanzjarjament, il-genituri tieghu kienu jghinu. L-attrici kienet tiddependi fuq il-beneficcji socjali. Il-konvenut jikkonferma li kien ihallas l-ispejjes kapriccuzi tal-attrici bhal xagharha, tummy tuc, xtralha karozza ta' cirka €4,300, €3,000 kors tax-xaghar.

Lejn l-ahhar tar-relazzjoni, l-attrici kienet mardet bil-gilbertson disease, marda kronika u l-konvenut ighid li kien jinkwieta hafna fuq sahhet l-attrici.

Induna li kellha relazzjoni, ghax intebah li kienet qed tikkomunika wisq fuq il-mobile. Ikkonferma li kienet qed tikkomunika ma' HB, li kien kollega taghha u fil-fatt izzewwgu tlett xhur biss wara li l-partijiet kienu nfirdu.

Il-konvenut jaghti ideja tas-sitwazzjoni prezenti u jghid li mal-attrici jikkomunika biss rigward it-tfal u gieli jkollu jaghmel rapport peress li ma tikkooperax. Ighid ukoll li jinsab inkwietat minhabba li t-tfal ikunu fil-presenza ta' HB u ghandu record kriminali.

3. HB, ir-ragel tal-attrici jikkonferma li kien involut fl-abbozz tal-kuntratt li kien sar bejn il-partijiet. L-attrici kienet qablet li ma jkunx hemm hlas ta' manteniment minhabba l-fatt li kienu ser izommu lill-minuri gurnata kull wiehed, b'mod alternat. Kien gie miftiehem li l-attrici jkollha l-kura u kustodja tal-minuri. Ighid li kien involut peress li kien jidher ghan-nom tal-attrici, ghax ir-relazzjoni ta' bejn il-partijiet kienet wahda difficli hafna u kien hemm hafna glied u theddid.

   L-abbozz ma kienx gie finalizzat peress li kien hemm incident li sehh fit-30 ta' Ottubru, 2015, fejn spiccaw il-Qorti u kienet inghatat sentenza fit-12 ta' Ottubru, 2017, liema sentenza giet ikkonfermat fl-appell fil-31 ta' Jannar, 2018.[6]

[6] Ara Dok. SR 1.

Kien hemm incidenti ohra fejn saru rapporti mill-konvenut fil-konfront tal-attrici fuq harassment minn fuq il-mobile. Kien hemm xi kawzi fejn gew irtirati.[7]

Jikkonferma li kien hemm zewg kwistjonjijiet ta' natura finanzjarja li gew diskussi meta kienu qed jinnegozjaw il-kuntratt. Kwistjoni minnhom kienet tirrigwarda l-vettura Citroen C 3 Desire. L-attrici kienet sellfet lill-konvenut is-somma ta' €10,000 u l-vettura kienet giet registrata fuq isem il-konvenut. Pero' l-vettura kienet tiswa' €4,500. Il-konvenut qabel li l-vettura tigi rregistrata fuq l-attrici, madanakollu, qatt ma hallasha lura l-bilanc.

It-tieni problema kienet relatata mal-fatt li l-attrici kienet kreditrici ta' certu JK u  kien hemm sitt cekkijiet bejn is-snin 2011 u 2015, li kienu mizmumin ghand il-konvenut, izda mbaghad kien irritornahom. Dawn ic-cekkijiet kienu jigu mizmumin mill-konvenut u kienu jigu ddepositati fil-kont tieghu jew t'ommu. Ix-xhud esebixxa diversi cekkijiet in sostenn ta' dak li qed ighid.

Ix-xhud izid ighid li r-relazzjoni bejn il-partijiet ma kinitx wahda tajba. It-tfal kellhom anzjeta' kbira ghax wara li kienu jispiccaw l-iskola, ma kinux jafu jekk kinux ser jingabru mill-omm jew il-missier, Kien hemm nuqqas ta' komunikazzjoni bejniethom. Kienu jkunu anzjuzi fejn ser jorqdu. Kagun ta' iktar ansjeta' kien minhabba l-fatt li l-konvenut ma kienx isegwi l-hinijiet tal-access. Illum is-sitwazzjoni tjibet, izda gieli jkun hemm granet fejn it-tfal ma jkunux iridu jmorru ghand il-konvenut. Ix-xhud esebixxa diversi sms's li kien hemm bejn il-partijiet fuq xi dizgwid.[8]

---

[7] Ara Dok. SR 2
[8] Ara Dok. SR 6 a fol. 143 tal-process.

Dwar spejjes u nfiq ghall-minuri jghid li jehtieg cirka €950 fix-xahar u li kieku ma jghinix l-attrici ma kinitx tlehhaq.

4. OF, oht il-konvenut, tikkonferma li l-attrici kienet marret tghix maghha u mal-genituri tal-konvenut, flimkien ma' binha li dak iz-zmien kellu hames snin. Tispjega li sa mill-ewwel kienet tinhass id-differenza u ta' spiss kienu jispiccaw jitlewmu. Dwar l-attrici tghid li hija kienet tikkmanda lill-konvenut u anke maghhom beda jirreagixxi b'mod stramb.

   Tul iz-zmien li kienu jghixu ghand il-genituri tal-konvenut, kienet ommha li tghinha bit-tfal u bix-xiri u bl-ikel, filwaqt li l-attrici kienet tibqa' go kamritha. Missierha ukoll kien ighinhom finanzjarjament. L-attrici kienet tircievi ukoll il-beneficcji socjali u lanqas kienet tghidilhom.

   Ix-xhud tispjega li hi qatt ma kellha relazzjoni tajba mal-attrici ghax kienet mara ta' ftit kliem .Tikkonferma li r-relazzjoni bejniethom intemmet peress li l-attrici kienet f'relazzjoni ma' certu HB li kienet iltaqghet mieghu fuq ix-xoghol mal-Melita plc.

5. PF, missier il-konvenut jispjega illi meta l-attrici marret tghix maghhom, kienet marret bit-tifel taghha I li twieled minn relazzjoni ohra. Ma kinux sabu oggezzjoni u bdew jaraw kif setghu jghinuhom finanzjarjament, meta ma setghux ilahhqu bl-ispejjes. In-neputijiet kienu saru qishom uliedhom u jistqarr li martu kienet tlesti lit-tfal ghall-iskola, tlibbishom, tlestilhom il-lunches u anke ssajjrilhom. L-istess kien isir mat-tifel tal-attrici I. Madanakollu, ighid li ghalkemm hu u martu kienu jitkissru sabiex ighinuhom, l-attrici ftit li xejn kienet tghin u kienet tistrieh kontinwament fuq l-ghajnuna taghhom.

Izid ighid li bdew jinholqu argumenti bejn il-partijiet, peress li l-konvenut beda jissusspetta li l-attrici kienet f'relazzjoni ma' ragel iehor. Ix-xhud ighid li ghalkemm ikkonfrontaha, kienet innegat kollox, izda xi xahrejn wara li telqet lill-konvenut, kienet spiccat izzewwget lil HB. Din ma kinitx l-ewwel darba li telqet, kienet telqet xi darbtejn ohra u kienet marret mal-ex sieheb taghha.

Minhabba li r-relazzjoni bejn il-partijiet kienet spiccat, l-attrici bdiet taghmlilhom difficli biex jaraw lill-minuri u l-konvenut spicca li kellu jiehu passi bil-Qorti. Mart l-istess xhud ukoll kienet imbikkma ghax meta kienet tipprova tmur tiltaqa' mal-minuri, waqt li kienu jkunu l-bandli, kienu jitilqu jigru bil-biza' li ommhom tirrabbja maghhom.

Meta nghata digriet mill-Qorti fejn setghu jergghu jaraw lill-minuri, l-atteggjament taghhom rega' nbiddel. Kienu saru arroganti u lanqas kienu jindirizzaw lill-konvenut bhala "Daddy." Waqt l-access ukoll, it-tifel minuri jqatta' hafna hin fuq il-mobile m'ommu. Dan kollu qed ihalli impatt fuq il-konvenut, li huwa persuna sensittiv hafna fejn jirrigwarda lil uliedu.

Missier il-konvenut jikkonferma ukoll li ghadu jghin lill-konvenut finanzjarjament sallum u dan peress li ghandu paga baxxa u ghandu l-ispejjes.

6. ISM 222 John Mary Camilleri, ipprezenta l-fedina penali tal-konvenut.[9]

[9] Ara Dok. PF 1

7. Johanna Bartolo, in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc. ipprezentat tlett statements ta' tlett kontijiet li huma s-segwenti:-

    i) Savings accounts li llum huma maghluqin;[10]
    ii) Savings account li ghadu miftuh.[11]

8. QR, habib tal-konvenut, ikkonferma li kien hemm diversi drabi fejn kien ikun mal-konvenut u uliedu. Ighid li ma tantx jittrattawh tajjeb u juzaw kliem hazin mieghu. Ighid li l-konvenut mohhu fit-tfal u l-ewwel li jahseb fihom malli jircievi l-paga.

9. Lorraine Attard, in rapprezentanza ta' HSBC Bank Malta plc. ikkonfermat li kien hemm hames kontijiet bankarji f'isem il-konvenut u dawn huma s-segwenti:-

    i) Current account maghluq;[12]
    ii) Savings account maghluq;[13]
    iii) Savings account;[14]
    iv) Home loan account li ghadu miftuh;[15]
    v) Visa credit card li ghadu miftuh. [16]

---

[10] Ara Dok. JB 1 u JB 2
[1111] Ara Dok. JB 3
[12] Ara Dok. LA 1
[13] Ara Dok. LA 2

[14] Ara Dok. LA 3
[15] Ara Dok. LA 4
[16] Ara Dok. LA 5

10. Joseph Saliba, in rapprezentanza ta' JobsPlus esebixxa l-employment history tal-attrici, kif ukoll tal-konvenut.[17]

11. Joseph Debono, in rapprezentanza tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni esebixxa l-prospetti tat-taxxa tal-konvenut ghas-snin bazi 2009, 2010 u 2011. Minn 2013 sa 2019 kienu non-filler statements.

12. Ivan Cilia, in rapprezentanza tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali xehed li l-attrici kienet qed tircieci l-ghajnuna socjali b'rata ta' single parent u dan sas-sena 2014. Bejn 2014 u 2017 bdiet tahdem. [18] Kienet tircievi ukoll ic-childrens allowance u kien jigi kkalkolat kull gimgha.[19]

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**KURA U KUSTODJA**

L-attrici ssemmi li kien hemm digriet ta' dina l-Qorti datat 24 ta' Mejju, 2016 fejn pendente lite, l-kura u kustodja tal-minuri giet fdata konguntivament f'idejn il-partijiet.

Minkejja li l-attrici ghamlet talba biex tigi fdata esklussivament bil-kura u kustodja tal-minuri, ma gabitx provi konkreti sabiex tikkonvinci lil dina l-Qorti li d-digriet tal-24 ta' Mejju, 2016 ghandu jinbidel.

---

[17] Ara Doks. JS 1 u JS 2.
[18] Ara Dok. IC 1 .
[19] Ara Dok. IC 2.

Jirrizulta li hemm aktar *bond* qawwi mal-minuri D, izda madanakollu ma jfissirx li hemm ragunijiet sufficjenti sabiex il-konvenut ma jkunx involut fit-trobbija ta' uliedhu.

Ghaldaqstant, dina l-Qorti ser tikkonferma d-digriet taghha tal-24 ta' Mejju, 2016 fejn il-kura u kustodja tal-minuri ghandha tkun wahda konguntiva bejn il-partijiet.

**<u>ACCESS</u>**

Minkejja li l-attrici ma resqet ebda talba ghall-access, inghata digriet fit-12 ta' Ottubru, 2017, fejn gie ordnat li l-access ghandhu jigi ezercitat fis-segwenti mod:-

i) Kull nhar ta' Tlieta u Hamis bejn il-5.00 pm sas-7.00 pm; u

ii) b'mod alternat mill-Gimgha fil-5.00 pm sas-Sibt fil-5.00 pm u mis-Sibt fil-5.00 pm sal-Hadd fil-5.00 pm;

iii) Jekk il-missier ma jkunx ser jezercita l-access ghandu javza lill-omm bil-mezz tal-SMS illi mhux ser jezercita l-access, liema messagg ghandu jintbaghat mhux anqas minn 24 siegha qabel u fin-nuqqas li jottempera ruhu l-access ta' wara jigi awtomatikament sospiz;

iv) Il-minuri ghandhom jingabru mill-missier fil-bidu tal-access minghand l-omm, filwaqt li fi tmiem l-access il-minuri jingabru minghand il-missier mill-omm jew minn haddiehor awtorizzat minnha;

v) fil-festijiet pubblici, il-minuri ghandhom ikunu mal-genitur b'mod alternat.

Hadd mill-partijiet ma kkontesta dan l-access u lanqas mix-xhieda prodotta ma ngabu xi provi biex jirribattu li dawn il-hinijiet u granet mhux soddisfacjenti. Fid-dawl ta' dan kollu, ser tikkonferma ukoll dan id-digriet taghha tal-12 ta' Ottubru, 2017. Il-Qorti ser izzid biss li fil-festi tal-Milied u tal-Ewwel tas-Sena, il-partijiet ghandhom jiftehmu bejniethom li ghall-ewwel sena, il-minuri jkunu ma' genitur wiehed fil-Milied u mal-genitur l-iehor fl-Ewwel tas-Sena, u dawn jibqghu jalternaw sena wara l-ohra.

**MANTENIMENT**

Skond digriet datat 28 ta' Lulju, 2016, il-konvenut gie ordnat ihallas is-somma ta' €350 kull erba' gimghat ghaz-zewgt itfal minuri, liema somma tinkludi ukoll l-ispejjes ta' sahha u edukazzjoni u liema somma ghandha tizdied kull sena skond l-indici tal-gholi tal-hajja.

Il-partijiet lkoll jahdmu u gew ipprezentati l-FS 3's taghhom rispettivament. L-attrici tahdem mal-Melita plc. u ghandha paga ta' cirka €1,000 fix-xahar. L-ahhar impjieg tal-konvenut jirrizulta li huwa kien jahdem ma' certu ST fejn l-introjtu tieghu jammonta ghal €9,787. [20]

L-attrici ma gabitx provi sabiex tikkonvinci lil dina l-Qorti li l-ammont ta' manteniment mhux soddisfacenti. Issemmiet li hemm diversi arretrati li ma thallsux mill-konvenut u ghalhekk issemmihom fil-premessi taghha ma gabitx provi konkreti dwarhom.

Il-Qorti qieset ukoll li l-attrici tahdem ukoll u ghalhekk ghandha l-introjtu taghha u ghalhekk thoss li ghandu jkun hemm varjazzjoni f'dak li jirrigwarda l-hlas ta' manteniment, fis-sens li l-manteniment ikun fis-

[20] Ara Dok. JD 10

somma ta' €350 kull erba' gimghat li ghandhom jithallsu mill-konvenut, filwaqt li l-ispejjes edukattivi u tas-sahha ghandhom jinqassmu bin-nofs bejn il-partijiet. L-istess somma ghandha tizdied kull sena skond l-gholi tal-hajja.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi, dina l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici in kwantu tafda l-kura u kustodja tal-minuri konguntivament lill-partijiet u takkorda l-access kif fuq deciz;

2. Tilqa' t-tieni talba attrici u tikkonferma l-manteniment kif deciz fis-sottotitolu "Manteniment,"

3. Tilqa' t-tielet talba attrici kif dedotta fis-sottotitolu "Manteniment."

4. Tichad ir-raba' u l-hames talba.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**Onor. Imhallef Anthony. J. Vella**

**Cettina Gauci**

## Deputat Registratur